IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2025
COM(2025) 266 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-evalwazzjoni ex post tal-programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (REC) (it-tieni parti), l-evalwazzjoni ex post tal-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini (EfC), u l-evalwazzjoni interim tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)

{SWD(2025) 133 final}

1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet tal-evalwazzjoni[1] mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea u jikkonsisti fi tliet komponenti:

(1) l-evalwazzjoni *ex post* tal-programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (REC, Rights, Equality and Citizenship)[2], li vvalutat l-impatt fit-tul u l-effetti tas-sostenibbiltà tiegħu, abbażi tar-riżultati tal-ewwel parti tal-evalwazzjoni *ex post*[3] li tlestiet fl-2022;

(2) l-evalwazzjoni *ex post* tal-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini (EfC, Europe for Citizens)[4], li vvalutat ir-riżultati miksuba, u l-impatt fit-tul u l-effetti fuq is-sostenibbiltà tiegħu;

(3) l-evalwazzjoni *interim* tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV, Citizens, Equality, Rights and Values)[5], li tivvaluta l-kisbiet preliminari tiegħu.

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar[6], l-evalwazzjoni tivvaluta dawn it-tliet programmi skont il-kriterji tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza, tal-valur miżjud tal-UE u tar-rilevanza.

Il-programm REC kellu l-għan[7] li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju fejn l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni – kif minquxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Unjoni aderixxiet għalihom – ikunu promossi, protetti u implimentati b'mod effettiv. B'mod parallel, il-programm EfC appoġġa inizjattivi biex tissaħħaħ il-kommemorazzjoni tal-istorja Ewropea reċenti u biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-UE. Mill-2021 'l hawn, il-programm CERV fittex li jappoġġa u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, demokratiċi, ugwali, inklużivi u bbażati fuq id-drittijiet imsejsa fuq l-istat tad-dritt. Dan jinkludi soċjetà ċivili vibranti u mogħtija s-setgħa, l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni demokratika, ċivika u soċjali, u l-kultivazzjoni tad-diversità għanja tas-soċjetà Ewropea, ibbażata fuq valuri, storja u memorja komuni.

L-evalwazzjoni hija bbażata fuq evidenza miġbura permezz ta' studju ta' sostenn imwettaq minn esperti esterni[8]. Hija tqis il-valutazzjoni tal-impatt preċedenti[9] biex tanalizza proposta possibbli għal programm Ewropew dwar il-kultura, id-drittijiet u l-valuri, u tirrikonoxxi l-evalwazzjoni *interim*[10] tal-REC, l-ewwel parti tal-evalwazzjoni *ex post* tal-REC u l-evalwazzjoni *interim*[11] tal-EfC. B'mod speċifiku, l-evalwazzjoni *interim* tal-programm CERV hija bbażata wkoll fuq is-sejbiet tat-tieni parti tal-evalwazzjoni *ex post* tal-programm REC 2014-2020 kif ukoll fuq l-evalwazzjoni *ex post* tal-programm EfC[12].

L-evalwazzjonijiet *ex post* tal-programmi REC u EfC ikopru l-perjodu ta' implimentazzjoni mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 u l-attivitajiet kollha fil-pajjiżi parteċipanti

[1] Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport.
[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013.
[3] Meta jitqies li għadd sinifikanti ta' proġetti kienu għadhom għaddejjin fl-2021, l-ewwel parti tal-evalwazzjoni *ex post* tal-programm REC (COM/2022/118 final) ipprovdiet ħarsa ġenerali lejn id-distribuzzjoni tal-finanzjament u vvalutat il-kisbiet preliminari. Dan ir-rapport jippreżenta t-tieni parti tal-evalwazzjoni *ex post* u jiffoka fuq l-impatti fit-tul u s-sostenibbiltà tal-effetti tal-programm.
[4] Ir-Regolament (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014.
[5] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tat-28 ta' April 2021.
[6] Better regulation: guidelines and toolbox.
[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013, l-Artikolu 3.
[8] Ġew identifikati xi sfidi fir-rigward tal-kwalità tad-data, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà u l-analiżi tad-data għall-programm REC, u ġew immitigati kemm jista' jkun biex jiġu prodotti sejbiet robusti.
[9] SWD(2018) 290 final.
[10] SWD/2018/358 final.
[11] SWD/2018/086 final.
[12] Filwaqt li l-attivitajiet tal-ġbir tad-data għall-evalwazzjonijiet *ex post* tal-programmi REC (it-tieni parti) u EfC fuq naħa waħda u l-evalwazzjoni *interim* tal-programm CERV fuq in-naħa l-oħra twettqu b'mod parallel, l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ġenerali tfassal u ġie ppjanat b'tali mod li jippermetti li s-sejbiet taż-żewġ evalwazzjonijiet *ex post* jikkontribwixxu għall-analiżi ta' dik *interim*.

kollha[13] matul dak iż-żmien. L-evalwazzjoni *interim* tal-programm CERV tkopri l-perjodu ta' implimentazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 u l-attivitajiet kollha fil-pajjiżi parteċipanti kollha[14] matul dak iż-żmien.

Ġiet ikkonsultata firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi l-Istati Membri tal-UE li huma membri tal-kumitati rilevanti tal-programmi, l-applikanti u l-benefiċjarji tal-programmi, gruppi ta' esperti, aġenziji, il-punti ta' kuntatt tal-programmi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-pubbliku. B'kollox, aktar minn 1 000 parti kkonċernata pprovdew feedback matul il-proċess kollu ta' konsultazzjoni[15].

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni. Jagħmel osservazzjonijiet u jindika xi oqsma għal titjib li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali u għaċ-ċiklu ta' finanzjament li jmiss.

2. Sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni

Il-programmi EfC u REC kienu effettivi fil-kisba tal-objettivi tagħhom. It-tagħlimiet meħuda minn dawn il-programmi, inkluż dwar is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għal titjib fl-effiċjenza għall-Kummissjoni Ewropea u għall-benefiċjarji, u dwar il-viżibbiltà, ġew tradotti f'titjib taħt il-programm CERV. Barra minn hekk, fid-dawl ta' dan it-titjib, jista' jiġi konkluż li dan il-programm jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettivi tiegħu. L-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li hemm ħtieġa ppruvata għal programm li jindirizza l-kwistjonijiet koperti mill-programm CERV. Is-sejbiet ewlenin ippreżentati hawn taħt huma strutturati skont il-ħames kriterji ta' evalwazzjoni, b'kull kriterju indirizzat għal kull programm.

2.1. Effettività

Il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza

Il-programm REC kien effettiv fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Hija kkuntattjat b'mod effettiv firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet, inklużi awtoritajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u entitajiet ta' riċerka, filwaqt li żgurat li gruppi wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati bbenefikaw mill-inizjattivi tagħha. Dawn iffukaw fuq in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tat-tfal u l-prevenzjoni tar-razziżmu u l-vjolenza, filwaqt li indirettament inkludew lill-individwi kollha fl-UE li huma soġġetti għal diskriminazzjoni, intolleranza jew vjolenza. Filwaqt li l-gruppi fil-mira kienu mqassma tajjeb fost l-objettivi speċifiċi, ċerti gruppi kienu marbuta aktar ta' spiss ma' għanijiet speċifiċi, ħaġa li tindika approċċ flessibbli u adattiv fi ħdan il-programm biex jiġu ssodisfati b'mod effettiv il-ħtiġijiet u l-kuntesti differenti.

L-għadd ta' għotjiet u kuntratti ta' akkwist iffinanzjati, kif ukoll il-proporzjon tal-baġit impenjat għad-disa' objettivi speċifiċi, jenfasizzaw li l-programm REC ikkontribwixxa l-aktar għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ, in-nisa u gruppi oħra f'riskju, skont il-pjanijiet taħt il-programmi ta' ħidma annwali. Madankollu, **il-biċċa l-kbira tal-proġetti ffinanzjati taħt il-programm REC ikkontribwew għal diversi objettivi speċifiċi** u mhux biss għal dak li għalih kien ingħata l-finanzjament.

[13] L-Istati Membri kollha tal-UE, l-Iżlanda u s-Serbja kienu eliġibbli biex jipparteċipaw fil-programm REC, filwaqt li l-Liechtenstein kien eliġibbli għal xi objettivi speċifiċi biss. Minbarra l-Istati Membri kollha tal-UE, il-programm EfC ġie implimentat f'6 pajjiżi parteċipanti u sħab oħra: l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u l-Kosovo*.
* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.
[14] Il-programm CERV japplika fl-Istati Membri kollha tal-UE. F'Novembru 2024, il-pajjiżi parteċipanti kienu jinkludu wkoll: l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, is-Serbja u l-Ukrajna.
[15] Skont il-grupp tal-partijiet ikkonċernati identifikat, intużaw metodi u għodod iddedikati biex jitwettqu l-konsultazzjonijiet: konsultazzjoni pubblika online bbażata fuq kwestjonarju, intervisti, gruppi fokali, workshops deliberattivi u sħarriġiet immirati. Dawn ikkomplementaw id-data u l-informazzjoni miġbura permezz ta' metodi oħra, bħar-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u l-istudji tal-każijiet.

F'konformità mal-objettivi speċifiċi, waħda mill-kisbiet tal-programm REC hija l-għadd ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni strutturali stabbiliti mal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi r-Rom, dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom[16]. Barra minn hekk, ir-rata ta' impjieg tan-nisa fl-UE[17] żdiedet minn 62,4 % għal 66,2 % sa tmiem il-programm, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri[18] fl-UE naqset għal 12,3 %, u l-perċentwal ta' persuni li jqisu l-vjolenza domestika kontra n-nisa bħala inaċċettabbli[19] żdied minn 84 % għal 96 %. Dawn huma kollha riżultati pożittivi. Madankollu, mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita l-kawżalità, meta jitqies ukoll li diversi fatturi lil hinn mill-programm REC setgħu kkontribwew għall-progress rifless fl-indikaturi korrispondenti. Il-finanzjament tal-REC ikkontribwixxa għall-organizzazzjoni tal-premjijiet għall-bliet aċċessabbli, il-Jum Ewropew għal persuni b'diżabilità u workshops ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri, u għall-implimentazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Istati Membri.

Il-programm REC wera riżultati fit-tul li ppersistew lil hinn mill-perjodu 2014-2020. Inħolqu bosta għodod u mekkaniżmi għall-kooperazzjoni transfruntiera u n-networks transnazzjonali. Bis-saħħa tal-finanzjament tal-REC, il-partijiet ikkonċernati setgħu jaħdmu madwar l-UE u jibnu relazzjonijiet fit-tul biex jippromwovu u jimplimentaw l-istrateġiji tagħhom fit-tul. Barra minn hekk, it-tipi ta' attivitajiet iffinanzjati kellhom it-tendenza li jipproduċu effetti aktar fit-tul (eż. aktar għarfien u sensibilizzazzjoni bħala riżultat ta' attivitajiet ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni). Bejn l-2016 u l-2020, aktar minn 2,3 miljun persuna pparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ.

Il-programm kellu jittratta fatturi esterni, bil-pandemija tal-COVID-19 ikollha l-akbar impatt. Minkejja li kien meħtieġ li jiġu aġġustati l-iskedi ta' żmien u li l-attivitajiet tal-proġetti jiġu ttrasferiti għal pjattaformi online, il-pandemija ma dehritx li kellha impatt fuq l-effettività tal-proġetti ffinanzjati, anke bis-saħħa tal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni (bħall-flessibbiltà fl-estensjoni tad-durata tal-ftehimiet ta' għotja). Mil-lat pożittiv,il-pandemija ħeġġet lill-benefiċjarji jagħmlu użu aħjar mit-teknoloġiji diġitali u jikkollaboraw online.

Il-programm kopra l-Istati Membri kollha, bl-ogħla għadd ta' proġetti implimentati minn organizzazzjonijiet fl-Italja, fil-Belġju, fil-Greċja u fi Spanja. **B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati kienu sodisfatti b'kif is-sejħiet ġew pubblikizzati u l-informazzjoni mxerrda.** Madankollu, organizzazzjonijiet iżgħar u fil-livell lokali ffaċċjaw sfidi biex jaċċessaw l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament, u dan jissuġġerixxi l-ħtieġa għal sensibilizzazzjoni u appoġġ aħjar.

Il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"

Il-programm EfC laħaq l-objettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu. Filwaqt li mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita l-kawżalità, id-data tal-Ewrobarometru tindika li l-perċentwal ta' ċittadini tal-UE li jħossuhom Ewropej[20] żdied minn 63 % fl-2014 biex laħaq 72 % fl-2023, ferm lil hinn mill-mira tal-programm ta' 59 %. F'konformità mal-indikaturi relatati mal-prestazzjoni stabbiliti mir-Regolament 390/2014[21], il-benefiċjarji tal-programm stmaw li aktar minn 9.3 miljun parteċipant kienu involuti direttament f'attivitajiet fiż-żewġ fergħat tiegħu, u 388 miljun persuna kienu involuti madwar l-UE b'mod ġenerali. Dawn in-numri huma sinifikanti, iżda l-istima għandha ssir b'kawtela minħabba r-riżervi dwar il-kwalità tar-rapportar dwar in-numri tal-parteċipanti. Il-programm appoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' aktar minn 2 500 proġett

[16] Dan in-numru żdied minn żero fl-2013 għal wieħed fis-27 Stat Membru kollha sal-2023.
[17] Eurostat, "Employment and activity by sex and age - annual data", https://doi.org/10.2908/LFSI_EMP_A.
[18] Eurostat, "Gender pay gap in unadjusted form by NACE Rev. 2 activity", https://doi.org/10.2908/EARN_GR_GPGR2.
[19] Ewrobarometru Speċjali 449: Gender-based violence, doi:10.2838/009088.
[20] Indikatur użat biex jindika l-kontribut għall-fehim taċ-ċittadini dwar l-Unjoni, l-istorja u d-diversità tagħha, biex titrawwem iċ-ċittadinanza Ewropea u jittejbu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ċivika u demokratika fil-livell tal-Unjoni.
[21] Ir-Regolament (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014, l-Artikolu 15 l-Anness III.

madwar l-UE u 14 707 organizzazzjonijiet parteċipanti fl-azzjonijiet kollha. Għalhekk huwa raġonevoli li wieħed jargumenta li l-programm seta' kkontribwixxa, tal-inqas sa ċertu punt, għall-progress irreġistrat fl-istħarriġ dwar iċ-ċittadinanza tal-Ewrobarometru matul is-snin.

Il-benefiċjarji qiesu li l-proġetti tagħhom kienu kisbu r-riżultati mistennija. Terz tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika rrikonoxxew li **l-programm irnexxielu jżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-istorja u l-valuri komuni tal-UE u jżid il-parteċipazzjoni fil-ħajja ċivika u demokratika. L-eżistenza ta' fergħat separati għall-kommemorazzjoni u għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili għenet** biex jiġu pprovduti kontributi distinti u separati għall-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi.

Il-programm EfC appoġġa proġetti li ġġeneraw riżultati b'potenzjal għal impatti fit-tul. Il-valur tan-networking[22], il-piż amministrattiv baxx, l-inklużività u l-ambitu tematiku wiesa' tiegħu kienu fatturi ta' suċċess li tejbu l-impatt fit-tul. Ġew identifikati diversi eżempji tal-modi kif l-attivitajiet komplew wara t-tmiem ta' proġett jew iġġeneraw impatt lil hinn mir-riżultati mistennija tal-proġett, eż. l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' politika fil-livell lokali biex tingħata aktar assistenza lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jaħdmu ma' gruppi vulnerabbli, u l-ħolqien ta' pjattaformi ta' djalogu reġjonali mal-partijiet ikkonċernati.

L-effetti mhux mistennija l-aktar sinifikanti fuq il-programm kienu relatati mal-pandemija tal-COVID-19, li wasslet biex il-proġetti ffaċċjaw dewmien jew sfidi sinifikanti għall-implimentazzjoni tagħhom. Madankollu, dan mhux neċessarjament affettwa l-eżiti minħabba li l-benefiċjarji adattaw malajr u, bħal fil-każ tal-programm REC, il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni kienu effettivi. Kien hemm effetti sekondarji ta' benefiċċju mid-diġitalizzazzjoni aċċellerata imposta mill-pandemija, li wasslet biex xi OSĊ laħqu lil aktar nies milli kien ippjanat permezz tal-għodod virtwali.

Ingħataw għotjiet lil benefiċjarji fl-Istati Membri kollha. **Il-programm kien viżibbli l-aktar għal organizzazzjonijiet eliġibbli akbar u b'network tajjeb b'fokus qawwi fuq it-tiftix ta' opportunitajiet ta' finanzjament.** Il-benefiċjarji enfasizzaw xi modi kif dehrilhom li l-programm seta' jiġi promoss b'mod aktar proattiv, eż. permezz tal-media soċjali u interattiva. Madankollu, il-programm irnexxielu jattira għadd dejjem jikber ta' applikanti għall-ewwel darba tul is-snin (fejn laħaq l-ogħla livell ta' 66 % fl-2019), li jindika li l-applikanti potenzjali kienu jew kienu saru konxji tal-programm.

Il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri

F'nofs it-terminu, **il-programm CERV jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettivi tiegħu**. Il-proġetti u l-attivitajiet proposti u l-outputs tagħhom huma konformi mat-tipi ta' azzjoni previsti mill-programm fil-fergħat kollha. Barra minn hekk, **il-programm diġà qabeż il-biċċa l-kbira tal-miri tal-indikaturi tiegħu**. Abbażi tal-evidenza miġbura, x'aktarx li r-riżultati previsti fil-loġika tal-intervent se jinkisbu, minkejja li għadu kmieni wisq biex isir xi ġudizzju definittiv.

Abbażi tal-evidenza miġbura għal din l-evalwazzjoni, **il-proġetti li ngħataw għotjiet kienu konformi mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE, indirizzaw ħtieġa reali fil-qasam, kienu bbażati fuq metodoloġiji stabbiliti sew u sħubijiet b'saħħithom stabbiliti minn qabel, kellhom dimensjoni tal-UE qawwija u offrew valur miżjud tal-UE[23], u ppjanatwi riżultati**

[22] Jiġifieri l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni internazzjonali madwar l-UE, il-ħolqien ta' networks f'oqsma tematiċi niċċa u l-iskambju tal-aħjar prattika ma' organizzazzjonijiet tal-istess fehma.

[23] Il-benefiċjarji intervistati u mistħarrġa qiesu d-dimensjoni tal-UE tal-programm bħala aspett b'saħħtu ewlieni u fattur ta' motivazzjoni għalihom biex japplikaw biex jaħdmu f'diversi Stati Membri tal-UE. Kultant ix-xogħol madwar l-Ewropa u dwar il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-UE kienu possibbli biss permezz ta' finanzjament taħt il-programm CERV.

realistiċi u sostenibbli[24]. Kien hemm kunsens fost il-partijiet ikkonċernati kollha kkonsultati li l-mekkaniżmi tal-għoti mill-ġdid fl-oqsma tal-valuri tal-Unjoni u ta' Daphne indirizzaw ħtiġijiet importanti fis-settur tas-soċjetà ċivili. Fl-istess ħin, l-evidenza miġbura wriet ukoll li **l-ħtieġa għal aktar finanzjament tal-UE** ddedikat għall-valuri, id-drittijiet u ċ-ċittadinanza għadha ma ġietx indirizzata. In-nuqqas ta' riżorsi allokati għal dawn l-oqsma kritiċi jista' jillimita l-kapaċità li jiġu ssodisfati l-objettivi tas-CERV.

Fatturi esterni, bħall-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Brexit[25] u kuntesti nazzjonali speċifiċi, kellhom effett limitat fuq il-programm b'mod ġenerali. Filwaqt li l-COVID-19 wasslet għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' xi proġetti, dan ma jidhirx li kellu xi effett fuq il-programm CERV fih innifsu. Barra minn hekk, il-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ġew riflessi fil-programmi ta' ħidma 2021-2022 u 2023-2025[26], u b'hekk inżammet ir-rilevanza tal-programm.

Il-viżibbiltà tal-programm tiddependi prinċipalment fuq il-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs, national contact points) u l-webinars ta' informazzjoni tas-CERV. L-informazzjoni tixxerred ukoll permezz ta' diversi mezzi oħra[27], li jilħqu lill-applikanti potenzjali madwar l-UE kollha. **Il-programm tabilħaqq jidher li huwa moderatament magħruf fl-Istati Membri tal-UE, iżda prinċipalment minn organizzazzjonijiet akbar b'networks internazzjonali jew fil-bliet ewlenin.** L-isforzi tal-NCPs biex jiżdiedu l-viżibbiltà tal-programm u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati ġew apprezzati b'mod mifrux; madankollu, l-evidenza enfasizzat l-ambitu għat-titjib tas-sensibilizzazzjoni dwar il-programm CERV, b'mod partikolari barra l-konfinamenti stretti tal-gruppi fil-mira proprji tiegħu.

Il-programm **ikopri l-Istati Membri kollha tal-UE u għadd ta' pajjiżi mhux tal-UE** li għażlu li jipparteċipaw fil-programm fuq bażi volontarja. Il-**bilanċ ġeografiku tjieb ukoll taħt il-programm CERV,** bi proporzjon ogħla ta' proġetti fl-Ewropa tal-Lvant milli taħt il-programmi predeċessuri[28].

Il-programm CERV juri impenn qawwi favur l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-promozzjoni ta' approċċ aktar inklużiv u ekwu għall-attivitajiet tiegħu. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva, u abbażi ta' prattiki diġà mibdija taħt il-programmi predeċessuri tiegħu, il-programm integra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-sejħiet għal proposti u l-metodoloġija ta' evalwazzjoni tiegħu[29][30]. Barra minn hekk, kull proġett iffinanzjat permezz ta' għotjiet jiġi vvalutat u jingħata punteġġ ukoll abbażi tal-kontribut tiegħu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Madankollu, minkejja l-isforzi sinifikanti ta' taħriġ u gwida, għadd konsiderevoli ta' benefiċjarji komplew isibu sfida inkluża l-perspettiva tal-ġeneru. It-tqabbil

[24] L-ewwel għotja mogħtija spiss kienet l-ewwel pass 'il quddiem fl-iżvilupp ulterjuri ta' metodoloġiji u approċċi għall-proġett(i) li segwew, u għenet biex jiġu kkonsolidati n-networks tal-organizzazzjonijiet.

[25] Diversi partijiet intervistati esprimew id-dispjaċir tagħhom li r-Renju Unit kien għażel li ma jinnegozjax il-parteċipazzjoni fil-programm CERV.

[26] Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ġiet enfasizzata fil-programm ta' ħidma tas-CERV 2023-2025, b'mod partikolari f'sejħiet għal proposti dwar il-kommemorazzjoni Ewropea (jiġifieri li tiġi nnotata l-isfida tad-distorsjoni storika u r-reviżjoniżmu), dwar id-drittijiet tat-tfal (jiġifieri s-saħħa mentali) u dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza kontra t-tfal (jiġifieri appoġġ għall-vittmi ta' delitti tal-gwerra). L-enfasi fuq is-"solidarjetà" taħt il-Fergħa 3 (l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini) tista' titqies ukoll bħala rispons kemm għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll għall-COVID-19.

[27] Bħal bullettin tad-DĠ JUST imniedi fl-2019, il-portal tal-UE għall-Finanzjament u għall-Offerti, sessjonijiet ta' informazzjoni dwar is-sejħiet għall-proposti, eċċ.

[28] Meta jitqiesu dawn is-sejbiet, in-nuqqas ta' NCPs fil-Belġju, fil-Bulgarija, fl-Irlanda, f'Malta, fl-Ungerija u fil-Polonja ma jidhirx li kellu impatt fuq il-bilanċ ġeografiku fl-2021-2023, meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-preżenza ta' mezzi ta' informazzjoni oħra li kienu mmirati lejn applikanti potenzjali.

[29] L-applikanti jridu juru kif se jirrispettaw u jimmonitorjaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri matul l-implimentazzjoni tal-proġett, u l-esperti kkuntrattati biex jappoġġaw l-evalwazzjoni tal-proposti huma mħarrġa dwar it-traċċar tan-nefqa relatata mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bħala parti mill-ħidma tal-Kummissjoni biex tintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-bajt tal-UE. Dan l-approċċ ikkontribwixxa għall-bini tal-kapaċità fost l-esperti u tejjeb il-ġbir tad-data, inkluża data diżaggregata skont is-sessi.

[30] Is-sessjonijiet ta' informazzjoni u d-dokumenti ta' mistoqsija u tweġiba jipprovdu gwida dwar l-inkorporazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fil-proposti.

bejn il-punteġġi tal-ġeneru[31] tal-programm CERV u l-programmi ta' finanzjament ekwivalenti tal-UE[32] juri li l-programm CERV għandu l-akbar proporzjon ta' finanzjament iddedikat għal proġetti li speċifikament għandhom l-għan li jippromwovu u javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li huwa konformi mal-objettivi tal-programm. **Bejn l-2021 u l-2023, kull erba' euro ta' finanzjament mis-CERV minn għotjiet ikkontribwixxa b'mod qawwi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri**; barra minn hekk, madwar nofs l-għotjiet iffinanzjaw proġetti kienu marbuta mill-qrib mal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri[33].

2.2. Effiċjenza

Il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza

Ir-Regolament REC stabbilixxa baġit ta' EUR 439 476 000 għall-2014-2020, b'ammonti annwali stabbiliti fil-programmi ta' ħidma. Sa Awwissu 2024, 91 % tal-baġit impenjat kien intefaq fuq għotjiet u fuq l-akkwist[34]. Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, il-benefiċjarji kkonfermaw li nefqu l-finanzjament li ngħataw kif ippjanat, minkejja li l-pandemija kienet għadha l-aktar fattur imsemmi ta' spiss li kellu impatt fuq l-infiq. Minn naħa, din naqqset il-baġit tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, filwaqt li min-naħa l-oħra xi drabi żiedet l-ispejjeż interni tal-proġetti eż. minħabba l-estensjonijiet tal-proġett (mingħajr spejjeż) mogħtija, jew minħabba spejjeż mhux ippjanati marbuta mal-qlib għal seminars u podcasts online.

Il-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji kienu ssodisfati b'kemm l-informazzjoni dwar is-sejħiet, il-kriterji tal-eliġibbiltà, il-proċess tal-għażla u l-feedback li rċevew ngħataw fil-ħin. L-introduzzjoni tal-portal tal-eGrants fl-2016 wasslet għal reazzjonijiet imħallta: filwaqt li xi wħud apprezzaw il-faċilità tal-użu, oħrajn iffaċċjaw diffikultajiet tekniċi. L-evalwazzjoni attwali kkonfermat ir-riżultati tal-ewwel parti tal-evalwazzjoni *ex post* li l-organizzazzjonijiet iż-żgħar, bħas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet fil-livell lokali, tħabtu biex jiżguraw il-livell meħtieġ ta' kofinanzjament ta' 20 %. Il-partijiet ikkonċernati qiesu li kemm l-applikazzjoni kif ukoll ir-rapportar kienu ta' piż[35]. Il-partijiet ikkonċernati pproponew bidla lejn approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati, li sadanittant ġie indirizzat taħt il-programm CERV bil-finanzjament ta' somma f'daqqa. Barra minn hekk, l-għadd ta' riżultati tanġibbli annwali, meqjus bħala eċċessivament għoli mill-benefiċjarji, ukoll tnaqqas taħt is-CERV.

Minkejja l-piż amministrattiv enfasizzat tal-proċess ta' applikazzjoni u ta' rapportar, **il-benefiċċji tal-programm REC ċarament kienu akbar mill-kostijiet għall-benefiċjarji**. Mhux biss hemm interess li titkompla l-applikazzjoni għall-finanzjament, iżda għal ħafna applikanti rikorrenti, **il-programm mela lakuna reali, billi pprovda finanzjament indipendenti, u f'ħafna każijiet l-ebda finanzjament ieħor ma seta' jkopri t-temi u t-tipi ta' attivitajiet iffinanzjati**.

Il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"

Ir-Regolament 390/2014 stabbilixxa l-baġit tal-programm EfC għal EUR 185 468 000. Il-baġit żdied darbtejn matul il-perjodu ta' implimentazzjoni: fl-2014 b'EUR 2,25 miljun, u fl-2020

[31] Il-punteġġi tal-ġeneru huma assenjati għall-proposti ta' proġetti bħala parti mill-ħidma tal-Kummissjoni biex tintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġit tal-UE.

[32] Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF, Asylum, Migration and Integration Fund), il-programm Ewropa Kreattiva, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), l-Erasmus+, Orizzont Ewropa, il-programm dwar il-ġustizzja, il-programm LIFE.

[33] Bejn l-2021 u l-2023, madwar 23 % tal-finanzjament tas-CERV ipprovdut permezz ta' għotjiet irċieva punteġġ ta' 2, abbażi tal-metodoloġija tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri adottata mill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li 53 % tal-finanzjament irċieva punteġġ ta' 1. Il-metodoloġija hija bbażata fuq sistema ta' punteġġ b'erba' punti. Punteġġ ta' 2 jindika interventi li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa li jtejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Punteġġ ta' 1 jindika interventi li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv importanti u intenzjonat iżda mhux bħala r-raġuni ewlenija għall-intervent. Sors tad-data: Data dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-Kummissjoni Ewropea.

[34] Peress li għad hemm pagamenti pendenti ta' diversi għotjiet li ntemmu fl-2024, dan il-perċentwal x'aktarx li se jkompli jiżdied.

[35] Uħud mill-feedback riċevut kien jikkonċerna r-ripetizzjoni bla bżonn fir-rapportar u bidliet fir-rekwiżiti tar-rapportar matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

b'EUR 6,9 miljun. Ħlief għall-2014 u l-2020, l-infiq tal-programm baqa' stabbli matul is-snin u konformi mal-pjanijiet li saru fil-programmi ta' ħidma rispettivi.

Ir-rati ta' suċċess varjaw ħafna[36], b'għadd kbir ta' proposti ta' kwalità tajba li ma setgħux jiġu ffinanzjati. **Il-benefiċċji tal-programm EfC kienu akbar mill-kostijiet għall-benefiċjarji**, bil-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji jassorbu b'suċċess il-finanzjament li ngħataw; dawk li esperjenzaw diffikultajiet biex jassorbu l-fondi għamlu dan minħabba ċ-ċirkostanzi straordinarji li rriżultaw matul il-pandemija tal-COVID-19. Kważi l-benefiċjarji kollha tal-EfC ikkonsultati qiesu li l-proċess ta' applikazzjoni kien ċar, aċċessibbli, sempliċi u mingħajr kumplikazzjonijiet żejda. Madankollu, ta' min jinnota li l-programm kien diġà qed juża l-finanzjament b'somma f'daqqa meta ma kienx qed jiddependi fuq is-sistema tal-eGrants (kif għamel il-programm REC mill-2016 'il quddiem). Għal xi benefiċjarji tal-EfC, it-tranżizzjoni għas-sistema tal-eGrants setgħet ippreżentat sfidi, li wassluhom biex jipperċepixxu li l-proċeduri preċedenti kienu aktar sempliċi meta mqabbla mas-sistema l-ġdida.

Is-simplifikazzjonijiet li seħħew matul l-iterazzjonijiet suċċessivi tal-programm tejbu l-aċċessibbiltà għall-OSĊ ta' kull tip u daqs. L-użu ta' somom f'daqqa u kostijiet unitarji kien karatteristika ta' suċċess tal-programm.

Għalkemm kien ta' sfida għal xi OSĊ iżgħar jew ta' bażi, ir-rekwiżit ta' kofinanzjament ġie aċċettat bħala li kien meħtieġ u li jwassal għall-ingranaġġ ta' fondi addizzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji ma ffaċċjaw l-ebda diffikultà speċifika biex jiġbru l-fondi addizzjonali. Iż-żidiet fil-pagamenti bil-quddiem, minn 40 % għal 50 % fl-2019 u għal 60 % fl-2020, għamluha saħansitra eħfef għall-organizzazzjonijiet iżgħar biex jaċċessaw il-programm.

Il-finanzjament tal-programm iġġenera riżultati siewja, li kkontribwew għall-objettivi tiegħu u għall-għanijiet u l-prijoritajiet usa' tal-politika tal-UE. Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat ftit każijiet li fihom il-piż amministrattiv seta' jitnaqqas saħansitra aktar, eż. permezz ta' aktar gwida.

Il-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji kienet miftuħa u ċara. Il-proċess tal-għażla ġeneralment tqies bħala ġust u trasparenti, u ġie nnotat li l-Kummissjoni pprovdiet feedback xieraq dwar l-eżiti. **B'mod ġenerali, ir-rekwiżiti tar-rapportar tqiesu li kienu ċari, mingħajr kumplikazzjonijiet żejda u sempliċi**, minkejja li l-organizzazzjonijiet benefiċjarji b'inqas esperjenza kienu japprezzaw li kieku kien hemm gwida u taħriġ aktar sostanzjali dwar ir-rekwiżiti u l-formoli tar-rapportar. Il-Grupp ta' Djalogu Ċivili, karatteristika speċifika tal-programm EfC, ipprovda kontributi sinifikanti.

Il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri

L-analiżi tal-kriterju tal-effiċjenza kkonfermat li, **sal-lum, il-benefiċċji tal-programm CERV huma akbar mill-kostijiet** imġarrba mill-benefiċjarji minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom.

Il-**benefiċċji ewlenin** tal-finanzjament kienu relatati direttament mal-proġetti (jiġifieri **l-kapaċità li jiġi implimentat l-approċċ mixtieq**), iżda kienu relatati wkoll ma' **aktar networking u kollaborazzjoni ma' sħab f'pajjiżi oħra**, u **viżibbiltà u rikonoxximent akbar tal-organizzazzjoni** minħabba li rċeviet finanzjament mill-UE. L-opportunità li jiġu **ttestjati approċċi innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà**, li jinvolvu tipi ġodda ta' partijiet ikkonċernati u li jibbenefikaw il-gruppi fil-mira tagħhom permezz ta' żvilupp akbar tal-kapaċità, ukoll instabu li huma benefiċċji importanti tal-finanzjament. Madankollu, il-kriżi tal-għoli tal-ħajja fissret li l-benefiċċji tal-finanzjament tnaqqsu b'mod sinifikanti, b'ħafna benefiċjarji jsibuha diffiċli biex iżommu mal-baġits tal-proġetti ppjanati u, f'xi każijiet, kellhom jaġġustaw il-firxa ta' attivitajiet ippjanati.

[36] Varjaw minn 6 % biss għal proġetti tas-soċjetà ċivili għal 30 % għal proposti fl-ewwel fażi tal-Ġemellaġġ bejn il-Bliet.

L-effetti ewlenin tal-karatteristiċi l-ġodda ta' implimentazzjoni[37] **introdotti mill-Kummissjoni taħt il-programm CERV tejbu l-prevedibbiltà, naqqsu l-burokrazija, saħħew il-monitoraġġ tal-programm**[38] **u inkludew aktar organizzazzjonijiet ta' bażi u iżgħar** permezz ta' mekkaniżmi ta' għoti mill-ġdid[39]. Eċċezzjoni waħda għal din is-simplifikazzjoni ġenerali u t-tnaqqis tal-burokrazija huma l-kostijiet unitarji. L-introduzzjoni tagħhom fil-livell korporattiv tal-Kummissjoni tidher li żiedet il-kumplessità, speċjalment peress li ma jirriflettux il-kostijiet reali tal-attivitajiet u joħolqu limitazzjonijiet diffiċili fuq il-kostijiet tal-ivvjaġġar.

Il-proċess ta' applikazzjoni huwa f'waqtu, bl-**informazzjoni dwar is-sejħiet tasal għand l-applikanti meta jkollhom bżonnha**. Għall-benefiċjarji tal-proġett, **il-kostijiet ewlenin tal-programm ġew assoċjati mal-ħin tal-persunal u r-riżorsi meħtieġa biex isir investiment fil-proċess tal-applikazzjoni**, b'varjabbiltà kbira bejn organizzazzjonijiet iżgħar, li qiesu li dawn il-kostijiet huma ħafna ogħla, u organizzazzjonijiet akbar b'timijiet tal-offerti professjonalizzati, li għalihom dawn il-kostijiet dehru li kienu inqas ta' sfida. Il-**piż amministrattiv ġie identifikat bħala riskju għal proġetti żgħar ħafna** (bħall-ġemellaġġ tal-bliet), inkluż minħabba l-isfidi tal-użu tas-sistema tal-eGrants, li tista' tiskoraġġixxi lill-applikanti milli japplikaw meta l-isforz meħtieġ biex japplikaw ikun ogħla mill-ammont relattivament limitat mistenni tal-għotja.

Filwaqt li s-sodisfazzjon bil-feedback li wasal mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjonijiet kien għoli, jidher li hemm lok għal titjib fil-konsistenza fil-livell ta' dettall ipprovdut, u biex isir aktar ċar dak li l-Kummissjoni tistenna mill-applikazzjonijiet[40].

Dwar l-approċċ għar-rapportar, **sar titjib notevoli fiċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' rapportar meta mqabbla mal-programm REC**. Pereżempju, it-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' rapportar ippermetta li l-proġetti jkunu aktar orjentati lejn ir-riżultati.

L-ineffiċjenzi limitati li nstabu kienu relatati mar-rekwiżiti ta' rapportar għall-benefiċjarji tal-għotjiet operattivi[41]. **Il-proċess li bih jintalbu emendi baġitarji ġie enfasizzat ukoll bħala ta' piż**. Il-ġbir tad-data permezz tal-Istħarriġ tal-UE dwar il-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri – waħda mill-għodod ta' monitoraġġ tal-programm – ġie kkritikat ukoll għan-nuqqas ta' rilevanza tiegħu għall-gruppi fil-mira, it-tul tiegħu, u r-rekwiżit li tinġabar data dwar l-ugwaljanza[42].

L-evalwazzjoni identifikat ukoll in-**nuqqas ta' faċilità tal-użu tas-sistema tal-eGrants** u l-problemi tekniċi bħala fattur importanti li kellu impatt fuq l-effiċjenza tal-programm[43].

Fl-aħħar nett, l-għadd żgħir ta' għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communications technology) ikkuntrattati u mogħtija, meta mqabbla ma' tipi oħra ta' attivitajiet iffinanzjati, jindika li hemm lok biex isir użu saħansitra aħjar mill-opportunitajiet ta' diġitalizzazzjoni fil-livell tal-proġetti.

[37] Programmi ta' ħidma pluriennali, somom f'daqqa, mekkaniżmu ta' għoti mill-ġdid, qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-programm.
[38] Hemm fis-seħħ qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-programm u hemm għodod apposta għall-ġbir tad-data għall-ġbir ta' indikaturi dwar l-outputs u l-eżiti.
[39] Il-partijiet ikkonċernati kollha kkonsultati għall-evalwazzjoni kkonfermaw li l-introduzzjoni tal-għoti mill-ġdid lil partijiet terzi (jiġifieri appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi) għenet biex tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-finanzjament tal-UE għal organizzazzjonijiet żgħar u ta' bażi permezz ta' proċessi ta' applikazzjoni simplifikati ffaċilitati minn "intermedjarji".
[40] Pereżempju, l-applikanti ssuġġerew li tittejjeb iċ-ċarezza dwar it-terminoloġija u l-metodoloġija użata u li jiddaħħlu eżempji aktar speċifiċi u l-aħjar prattiki li għandhom jiġu segwiti.
[41] Iż-żmien li fih saru r-rapporti mhux dejjem kien allinjat mas-snin finanzjarji tal-benefiċjarji, u dan wassal għal talbiet għal estensjonijiet. Dan spiss kien dovut għall-fatt li d-data meħtieġa kienet għadha ma kinitx disponibbli fiż-żmien tar-rapportar skedat, minħabba li kienet dipendenti fuq l-għeluq fi tmiem is-sena finanzjarja tal-benefiċjarju. Il-mudell tar-rapportar kien imfassal ukoll għar-rapportar ibbażat fuq il-proġetti, li jista' jkun li ma jkunx meqjus xieraq mit-tipi kollha ta' benefiċjarji.
[42] L-istħarriġ ġie adattat f'Settembru 2024 abbażi ta' feedback preċedenti mill-benefiċjarji.
[43] Għalkemm is-sistema ġiet riveduta reċentement, l-effettività tagħha ma setgħetx tiġi vvalutata fl-ambitu ta' din l-evalwazzjoni.

2.3. Koerenza

Il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza

L-evalwazzjoni kkonfermat is-sejbiet mill-ewwel parti tal-evalwazzjoni *ex post* li **l-objettivi u l-interventi tal-programm REC kienu koerenti mal-politiki u l-prijoritajiet usa' tal-UE**. Dan ġie żgurat permezz tan-natura tal-ipprogrammar tal-REC, fejn il-prijoritajiet tas-sejħa għall-proposti kienu ggwidati minn żviluppi strateġiċi speċifiċi u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Il-programm iffinanzja attivitajiet li ffukaw fuq il-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi, inkluż is-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali, it-taħriġ tal-professjonisti, u l-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet u l-istrutturi li jaħdmu fuq dawn il-kwistjonijiet. Ta s-setgħa lill-persuni LGBTIQ+, appoġġa lill-vittmi ta' reati ta' mibegħda u ppromwova d-drittijiet tagħhom. Ġew iffinanzjati attivitajiet biex jappoġġaw lill-persuni b'diżabilità u jippromwovu d-drittijiet tagħhom, u biex jappoġġaw lill-persuni Rom u jippromwovu l-inklużjoni u d-drittijiet tagħhom. Il-programm iffinanzja wkoll attivitajiet biex tittejjeb l-ugwaljanza permezz tal-indipendenza ekonomika, ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u dik privata u t-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, iżda wkoll attivitajiet immirati lejn li tintemm il-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri ġew integrati fit-tfassil tal-programm: dawn kellhom jiġu integrati u evalwati fil-proġetti kollha ffinanzjati, biex jiġi żgurat li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tkun tista' tkun parti mit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet.

Il-programm REC ikkontribwixxa wkoll għall-prijoritajiet il-ġodda tal-Kummissjoni[44] stabbiliti mill-President von der Leyen għall-2019-2024.

Il-programm REC ikkumplementa strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE[45]. Il-koerenza ġiet żgurata permezz tal-istadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-programm: mill-objettivi stabbiliti mir-Regolament, għall-implimentazzjoni (il-programmi ta' ħidma annwali), u sal-varar tal-proġett. Madwar terz tal-benefiċjarji tal-REC ikkonsultati għal din l-evalwazzjoni ddikjaraw li kienu rċevew finanzjament minn sorsi oħra[46]. Il-benefiċjarji ma rrapportaw l-ebda nuqqas ta' koerenza jew trikkib ma' dawn is-sorsi ta' finanzjament jew ma' fondi nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Il-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini

Il-programm EfC kien koerenti mal-politiki u l-prijoritajiet tal-UE. Bħal fil-każ tal-programm REC, l-evalwazzjoni sabet li l-programm EfC kien allinjat mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2014–2020, iżda wera wkoll flessibbiltà biex jadatta għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni l-ġdida għall-2019–2024. Il-proġetti ffinanzjati taħt il-programm indirizzaw kwistjonijiet kritiċi bħall-aħbarijiet foloz, il-litteriżmu medjatiku u d-demokrazija elettronika. Ħafna indirizzaw is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali, l-użu ta' għodod diġitali biex jissaħħaħ l-involviment demokratiku, u r-rispett tal-valuri tal-UE. B'mod ġenerali, il-proġetti kollha fittxew li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni demokratika aktar qawwija. Matul il-pandemija tal-COVID-19, iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni kompliet tenfasizza dan l-allinjament. Il-programmi ta' ħidma annwali b'mod konsistenti rrakkomandaw lill-benefiċjarji potenzjali l-użu proattiv tal-media soċjali, bl-għan li jintlaħqu b'mod speċjali l-ġenerazzjonijiet iżgħar, ħaġa li tat il-frott, kif indikat mill-għadd kbir ta' parteċipanti taħt l-età ta' 30 sena fil-programm b'mod

[44] Unjoni li tirsisti għal aktar.L-aġenda tiegħi għall-Ewropa.Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024

[45] Bħal: Erasmus +, il-programm dwar il-ġustizzja, Orizzont 2020, l-AMIF, il-FSE, l-Ewropa kreattiva u l-fond Ewropew għall-iżvilupp reġjonali.

[46] eż. mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-fond ta' Visegrad.

ġenerali (jiġifieri kważi nofs il-parteċipanti diretti stmati). Il-programm iffaċilita attivitajiet minn isfel għal fuq li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ewlenin tal-UE.

Il-programm appoġġa l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI, European Citizens' Initiative) – strument transnazzjonali uniku li jippermetti liċ-ċittadini tal-UE jinvolvu ruħhom direttament fil-proċess leġiżlattiv – f'konformità mal-għan tal-UE li ssaħħaħ id-demokrazija parteċipattiva. **Il-programm ikkomplementa programmi oħra tal-UE**[47], u appoġġa attivitajiet uniċi li tejbu l-kontribut distint tiegħu għall-għanijiet tal-UE. Il-karatteristiċi tal-programm ippromwovew b'mod effettiv in-networking u ħolqu opportunitajiet ġodda għal sinerġiji. Dan kien partikolarment siewi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni transfruntiera, l-iffaċilitar tal-iskambji edukattivi u kulturali permezz ta' programmi oħra bħall-Erasmus+, u t-tmexxija 'l quddiem ta' sħubijiet bilaterali ma' organizzazzjonijiet ġemellati. **L-enfasi fuq il-wirt kulturali u l-attivitajiet ta' kommemorazzjoni allinja ruħu ma' inizjattivi bħas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018), u b'hekk ġie enfasizzat ir-rwol tal-programm fil-promozzjoni ta' identità Ewropea kondiviża**.

Il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri

Il-programm CERV jokkupa niċċa unika fix-xenarju tal-politika u l-finanzjament tal-UE, filwaqt li jindirizza lakuni fejn mhux disponibbli finanzjament ieħor, kif ikkonfermat mill-benefiċjarji u mill-konsultazzjoni pubblika. Il-**programm CERV joffri vantaġġi li ma jistgħux jinstabu kollha fi programmi oħra**, bħall-kopertura pan-UE, firxa komprensiva ta' temi, il-possibbiltà li jiġu żgurati sorsi indipendenti ta' finanzjament, fokus speċifiku fuq il-valuri tal-UE, għotjiet ta' daqs sinifikanti, għotjiet operattivi u mekkaniżmi ta' għoti mill-ġdid. Dak li jidher b'mod ċar b'mod ġenerali huwa li l-**programm CERV jokkupa dak li altrimenti jkun spazju fil-biċċa l-kbira vojt fix-xenarju ta' finanzjament tal-valuri u d-drittijiet**.

Madankollu, peress li d-diskrepanza fil-finanzjament hija sinifikanti, il-benefiċjarji – jekk jistgħu – jużaw ukoll sorsi oħra ta' finanzjament, bħall-Fond ta' Visegrad. Għal xi suġġetti speċifiċi, il-benefiċjarji jfittxu li jikkomplementaw il-finanzjament taħt il-programm CERV b'finanzjament minn programmi oħra tal-UE, bħall-Erasmus+ u Orizzont Ewropa, jew b'finanzjament governattiv (fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali).

F'termini ta' koerenza interna fl-erba' fergħat tal-programm, ma tqajmet l-ebda kwistjoni speċifika. Il-benefiċjarji jidhru komdi bl-arkitettura unika li ħadet post il-programmi predeċessuri u ma jsibux id-diviżjoni tat-temi f'fergħat bħala problema. **L-arkitettura l-ġdida tal-programm CERV** – li ġġib il-finanzjament tal-UE fl-oqsma tal-valuri, id-drittijiet u ċ-ċittadinanza taħt programm wieħed – **tqieset li trawwem koerenza u sinerġiji bejn il-prijoritajiet ta' politika differenti u nstab li kkontribwiet għal approċċ aktar olistiku biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u jiġu promossi l-valuri tal-UE**.

L-implimentazzjoni tal-programm hija koerenti mal-impenji u l-objettivi internazzjonali tal-UE, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. L-impenji internazzjonali huma sistematikament kontroreferenzjati fis-sejħiet. Ir-riżultati fil-kejl tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE juru li sa issa kien hemm biss ibbaġitjar ekoloġiku limitat fuq prijoritajiet ekoloġiċi orizzontali – li huwa dovut ukoll għan-natura tal-programm – iżda madankollu hemm diversi proġetti b'dimensjoni tat-tibdil fil-klima.

2.4. Valur miżjud tal-UE

Il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza

[47] Bħall-Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-Fond Soċjali Ewropew. Is-sinerġiji bejn dawn il-programmi ġew sfruttati fil-prattika, b'mod notevoli permezz tal-kooperazzjoni okkażjonali u informali ta' strutturi nazzjonali bħall-NCPs tal-EfC, id-Desks tal-Ewropa Kreattiva u l-aġenziji nazzjonali tal-Erasmus+.

L-evidenza kkonfermat li **r-riżultati tal-programm REC setgħu jinkisbu biss b'azzjoni fil-livell tal-UE**. **Il-programm ikkontribwixxa għall-implimentazzjoni konsistenti u koerenti tad-dritt tal-UE u għas-sensibilizzazzjoni pubblika wiesgħa dwar id-drittijiet li jirriżultaw minnu**. Kif diġà ġie spjegat fid-dettall hawn fuq, iż-żieda fl-għarfien u fis-sensibilizzazzjoni kienet waħda mir-riżultati ewlenin irrappurtati mill-benefiċjarji.

Il-programm REC ikkontribwixxa għall-**iżvilupp tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u għat-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera**, kif muri b'mod ċar mill-157 network transnazzjonali maħluqa bejn l-2016 u l-2020. Il-programm għen ukoll fit-**tħejjija u t-tixrid tal-aħjar prattika** u fil-**ħolqien ta' standards minimi, għodod prattiċi u soluzzjonijiet li indirizzaw sfidi transfruntiera jew madwar l-UE**. L-outputs ta' dawn l-attivitajiet komplew jintużaw wara li ntemmu l-proġetti.

Billi pprovda finanzjament indipendenti, il-programm ippermetta li jiġu indirizzati suġġetti sensittivi li kieku ma kinux jiġu ffinanzjati fil-livell nazzjonali. Kważi l-benefiċjarji kollha intervistati kkonfermaw li, **kieku l-programm ma kienx sostnut, kien ikun improbabbli li l-gvernijiet nazzjonali jimlew il-vojt**. Il-programm żied il-kapaċità ta' firxa wiesgħa ta' atturi ewlenin tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Diversi benefiċjarji tal-għotjiet operattivi enfasizzaw li l-finanzjament tal-REC kien fundamentali għall-organizzazzjoni tagħhom, u li kieku ma kinux ikunu jistgħu jibqgħu joperaw.

Il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"

Huwa probabbli li l-impatti identifikati permezz tal-programm EfC ma kinux jinkisbu mingħajr l-appoġġ speċifiku tal-programm fil-livell tal-UE. Ħafna benefiċjarji kienu jsibuha diffiċli biex jimplimentaw proġetti fuq skala simili jew bl-istess impatt.

Il-programm wieġeb b'mod partikolari għall-isfidi tal-OSĊ relatati ma' nuqqas ta' finanzjament għal oqsma ta' ħidma kritiċi għaċ-ċittadinanza Ewropea. **Dan kien kruċjali għal attivitajiet li jeħtieġu kooperazzjoni transfruntiera u perspettiva Ewropea usa', peress li l-ebda skema nazzjonali jew reġjonali simili ma setgħet taqbel mal-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-programm.** Il-programm iffinanzja attivitajiet li involvew ċittadini u organizzazzjonijiet minn diversi pajjiżi parteċipanti, u b'hekk rawwem sens ta' identità u appartenenza Ewropea. Għalhekk kompla jimla dik li kieku kienet tkun lakuna u ħoloq kundizzjonijiet ekwi li jippermettu aċċess ugwali għall-programm għal kulħadd ħlief għal xi organizzazzjonijiet iżgħar.

Dawn l-eżiti kienu kwantifikabbli permezz tal-għadd ta' proġetti li jkopru diversi pajjiżi u l-iskala tal-kollaborazzjoni transfruntiera miksuba. Il-kapaċità tal-programm li jnaqqas id-differenzi nazzjonali u jippromwovi approċċ Ewropew koeżiv kien strumentali fl-indirizzar tal-isfidi varjati ffaċċjati fil-livell nazzjonali. Fil-livell tal-programm, 70 % tal-proġetti kienu jinkludu sħubija transnazzjonali. Billi ffaċilita s-sħubijiet transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattika, il-programm ippermetta lill-OSĊ ta' kull daqs jinvolvu ruħhom f'attivitajiet aktar inklużivi u effettivi. Dan l-appoġġ kien kruċjali fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet li joperaw fuq skala akbar jew lil hinn mill-mandat tas-soltu tagħhom. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji mhux dejjem ikkunsidraw il-finanzjament tal-EfC bħala kritiku, madankollu kien strumentali biex jgħinhom jiksbu aktar milli setgħu jagħmlu mingħajru. Il-programm ippermetta lill-organizzazzjonijiet iwettqu proġetti speċifiċi u jilħqu udjenzi usa', b'mod partikolari f'oqsma fejn l-għażliet ta' finanzjament nazzjonali jew reġjonali kienu limitati. F'xi każijiet, il-finanzjament kien essenzjali għas-sopravivenza tal-organizzazzjonijiet li joperaw f'pajsaġġi ta' finanzjament diffiċli.

Il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri

Fin-nuqqas, f'ħafna Stati Membri tal-UE, ta' fondi pubbliċi fl-oqsma tematiċi koperti mill-programm CERV, **il-finanzjament tas-CERV jibqa' kontributur ewlieni għall-ħidma tas-soċjetà ċivili f'dawn l-oqsma**. Il-programm iżid il-valur lil hinn minn dak maħluq minn sitwazzjoni fejn l-Istati Membri jaġixxu waħedhom.

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati qiesu li l-finanzjament pubbliku għal proġetti transnazzjonali li jindirizzaw id-drittijiet u l-isfidi tas-soċjetà fl-Istati Membri huwa minimu jew ineżistenti. Ħafna OSĊ iffaċċjaw ukoll sfidi biex jiksbu fondi nazzjonali fl-oqsma tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa. F'dan il-kuntest, **l-opportunità li jinkiseb finanzjament dirett mill-Kummissjoni ġiet enfasizzata bħala kontributur ewlieni għall-ekwità u l-indipendenza**.

L-evidenza miġbura tissuġġerixxi li, fin-nuqqas tal-programm CERV, x'aktarx li jiġi osservat effett negattiv, li possibbilment ikollu impatt fuq l-ispazju ċiviku li diġà qed jiċkien madwar l-UE u jnaqqas b'mod sinifikanti r-ritmu tal-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ugwaljanza b'mod ġenerali. Il-feedback mill-partijiet ikkonċernati kkonferma wkoll li l-waqfien tal-finanzjament tas-CERV jikkontribwixxi għal tnaqqis ulterjuri fis-sens taċ-ċittadinanza u l-identità Ewropea, aktar ostakli għall-persuni b'diżabilità, żieda fil-vjolenza kontra t-tfal, żieda fl-estremiżmu u r-radikaliżmu, u aktar diviżjonijiet.

2.5. Rilevanza

Il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza

Il-programm REC baqa' rilevanti billi indirizza b'mod effettiv kemm il-ħtiġijiet eżistenti kif ukoll dawk emerġenti fl-UE, inklużi l-isfidi persistenti tas-soċjetà, bħad-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ+, ir-Rom, il-persuni b'diżabilità u l-persuni akbar fl-età. Kwistjonijiet bħar-reati ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, li qamu f'kuntesti speċifiċi bħall-ambjent online u l-pandemija tal-COVID-19, kienu wkoll fil-qalba tal-programm.

Ir-ritmu tal-progress[48] biex jinkisbu ugwaljanza sħiħa u drittijiet fundamentali madwar l-UE jenfasizza r-rilevanza kontinwa tal-objettivi tal-programm, filwaqt li r-rati għoljin ta' applikazzjoni taħt diversi objettivi speċifiċi kkonfermaw id-domanda qawwija għall-appoġġ. L-ipprogrammar flessibbli żgura li l-programm REC jista' jwieġeb għax-xenarju soċjopolitiku dinamiku fl-UE u jibqa' rilevanti għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-partijiet ikkonċernati u taċ-ċittadini.

Il-pandemija tal-COVID-19 kienet teħtieġ li l-programm juri flessibbiltà fir-rigward tal-proċeduri, l-iskedi ta' żmien u l-attivitajiet. Il-benefiċjarji kienu pożittivi ħafna dwar kif l-isfidi relatati ġew ittrattati u l-fatt li l-progress tal-proġett ġie żgurat. Il-benefiċjarji ħassew li l-programm kien jirreaġixxi wkoll għal fatturi politiċi u, sa ċertu punt, għal fatturi ekonomiċi. Fir-rigward tal-isfidi, l-inflazzjoni u l-limitazzjonijiet fil-kriterji ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi mhux tal-UE, ġew innotati bħala kwistjonijiet sinifikanti.

Il-programm REC kien immirat b'mod effettiv lejn gruppi emarġinati u vulnerabbli, bħall-vittmi tal-vjolenza, il-minoranzi etniċi u t-tfal, f'konformità mal-isfidi kritiċi li qed tiffaċċja s-soċjetà tal-UE. **Il-programm wera rilevanza konsiderevoli għall-benefiċjarji tiegħu, peress li l-finanzjament kien jaqbel mal-għanijiet strateġiċi tagħhom, u b'hekk ġiet evitata l-ħtieġa għal aġġustamenti sproporzjonati għall-attivitajiet tagħhom.** L-enfasi fuq il-bini tal-kapaċità, il-kondiviżjoni tal-għarfien, u l-appoġġ strutturali indirizzaw b'mod

[48] Pereżempju, l-Ewrobarometru speċjali 535 żvela li d-diskriminazzjoni għadha mifruxa, bi 42 % tar-rispondenti jaqblu ma' din id-dikjarazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, 45 % abbażi tal-età, 49 % abbażi tad-diżabilità, u 54 % rigward il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali. Ara: https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2972. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkopri dawn ir-raġunijiet biss f'ċerti oqsma tal-ħajja.

effettiv ir-rekwiżiti tal-benefiċjarji[49]. Il-programm għen ukoll biex in-networks jikbru u jikkonsolidaw, li kien kruċjali għat-twessigħ tal-impatt tal-attivitajiet u għat-trawwim tal-kollaborazzjoni internazzjonali.

Xi benefiċjarji ssuġġerew l-oqsma ta' titjib li ġejjin: aktar attenzjoni għall-intersezzjonalità fl-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u l-inklużjoni soċjali; enfasi akbar fuq kwistjonijiet emerġenti bħad-diżinformazzjoni, is-saħħa mentali u l-iżvilupp fit-tfulija bikrija, u l-inklużjoni ta' pajjiżi mhux tal-UE għal kooperazzjoni internazzjonali aħjar.

Il-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini

L-allinjament ma' għanijiet u prijoritajiet ta' politika usa' tal-UE, u t-trawwim ta' sens ta' identità Ewropea li nkisbu mill-programm EfC jibqgħu objettivi rilevanti. Billi appoġġa l-IĊE, il-programm tejjeb il-ħajja demokratika, li jippermetti liċ-ċittadini jinfluwenzaw il-politiki tal-UE. L-isforzi tal-Kummissjoni biex tqajjem kuxjenza u ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-IĊE wrew approċċ prattiku għall-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini. Il-programm ħeġġeġ ukoll il-parteċipazzjoni ċivika permezz ta' inizjattivi fil-livell lokali, li jrawmu sens ta' appartenenza u fehim reċiproku fost l-Ewropej u jipprovdu pjattaformi għal djalogu u azzjoni sinifikanti dwar kwistjonijiet komuni. L-attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn il-bliet ippromwovew l-interazzjonijiet transfruntiera u l-iskambji kulturali, irawmu l-identità Ewropea u d-djalogu kontinwu dwar l-integrazzjoni u l-valuri kondiviżi, filwaqt li l-proġetti dwar il-kommemorazzjoni Ewropea kkontribwew għal fehim kondiviż tal-istorja Ewropea.

Il-programm EfC kien rilevanti għall-benefiċjarji finali tiegħu u fil-biċċa l-kbira indirizza l-ħtiġijiet u l-gruppi fil-mira f'oqsma tematiċi li għadhom rilevanti llum. L-istruttura tal-programm appoġġat firxa wiesgħa ta' inizjattivi f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-OSĊ, li tippermettilhom flessibbiltà biex ifasslu proġetti għal oqsma tematiċi speċifiċi.

Il-fokus primarju tal-benefiċjarji fuq l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini enfasizzat ir-rilevanza tal-programm, minħabba l-fokus tiegħu fuq iċ-ċittadini. L-OSĊ kienu wkoll mira ewlenija, li tirrifletti l-impenn tal-programm li jrawwem djalogu u kollaborazzjoni miftuħa, li huwa kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tal-UE. L-awtoritajiet pubbliċi ġew imfittxija għall-promozzjoni, biex ittejbet ir-rilevanza tal-programm bil-promozzjoni ta' djalogu effettiv bejn is-soċjetà ċivili u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. L-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli wriet ukoll id-dedikazzjoni tal-programm għall-indirizzar tal-inugwaljanzi u l-inkorporazzjoni tal-ilħna emarġinati fil-proċess demokratiku.

Kien hemm kunsens fost il-benefiċjarji li l-prijoritajiet tal-programm kienu allinjaw tajjeb mal-akbar ħtiġijiet fl-Istati Membri relatati mal-involviment ċiviku u l-kommemorazzjoni. Proporzjon sinifikanti tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika qiesu wkoll li l-objettivi tal-programm kienu għadhom rilevanti għall-isfidi u l-ħtiġijiet attwali fl-Istati Membri tagħhom. Il-kontinwazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-programm kompliet tenfasizza r-rilevanza tiegħu, bħala proporzjon sinifikanti ta' benefiċjarji li rċevew finanzjament għal proġetti li bnew fuq inizjattivi li ġew qabel u riżultati preċedenti. Dan jindika li l-appoġġ tal-programm kien konformi mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-passat, filwaqt li żgura li l-finanzjament baqa' rilevanti maż-żmien.

Il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri

[49] Pereżempju, ħafna benefiċjarji ta' għotjiet operattivi nnutaw li l-isforzi għall-bini tal-kapaċità appoġġaw l-iżvilupp organizzazzjonali u s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom. Ħafna benefiċjarji enfasizzaw ukoll li l-finanzjament ippermettielhom iwettqu proġetti li kieku ma kinux ikunu jistgħu jwettqu. Dan il-finanzjament spiss serva bħala pedament għal aktar żvilupp tal-proġetti u avvanzi metodoloġiċi.

Il-programm CERV jibqa' rilevanti, minħabba l-objettivi tiegħu kif stabbiliti fir-Regolament 2021/692[50]. L-evidenza miġbura għal din l-evalwazzjoni tikkonferma l-lakuni identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt. L-UE qed tiffaċċja sfidi sinifikanti relatati mal-ugwaljanza, id-drittijiet u d-demokrazija. Minkejja l-progress li sar f'xi oqsma, ħafna ċittadini tal-UE għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni, vjolenza u inugwaljanza. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna amplifikaw dawn il-kwistjonijiet, u affettwaw b'mod partikolari lil gruppi vulnerabbli bħat-tfal, il-persuni b'diżabilità u n-nisa. B'mod ġenerali, dawn l-isfidi jenfasizzaw il-ħtieġa għal aktar sforzi biex jiġu promossi l-ugwaljanza, id-drittijiet u d-demokrazija fl-UE, inkluż appoġġ akbar għas-soċjetà ċivili u inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni.

L-evidenza tindika **allinjament qawwi ħafna bejn il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-mira, inklużi l-OSĊ, u l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm**, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kapaċità tal-UE li tirrispondi għall-isfidi msemmija hawn fuq. Dan mhux biss iwieġeb direttament għall-missjonijiet u l-istrateġiji tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji, iżda jippermettilhom ukoll jilħqu gruppi fil-mira ġodda. Id-dimensjoni madwar l-UE kollha tqieset ukoll li twieġeb għall-ambizzjonijiet tal-OSĊ u jeħtieġ li ssegwi proġetti li jinvolvu diversi pajjiżi biex jiżdied it-tagħlim u l-impatt.

Il-benefiċjarji enfasizzaw li l-finanzjament tas-CERV, kif ukoll il-finanzjament taħt il-programmi predeċessuri, kien strumentali fl-indirizzar tal-prijoritajiet u l-inizjattivi ewlenin li kienu kruċjali għat-tkabbir u s-sostenibbiltà tal-organizzazzjonijiet tagħhom. Il-finanzjament ippermettielhom jimplimentaw proġetti li kieku ma kinux ikunu jistgħu jimplimentawhom, u dawn il-proġetti spiss ħolqu bażi għal aktar ħidma fuq il-proġetti[51].

Il-fokus tematiku tas-sejħiet[52] ippubblikati bejn l-2021 u l-2023 kien rilevanti għall-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati għal din l-evalwazzjoni: huwa wieħed mill-aspetti b'saħħithom ewlenin tal-programm. Madankollu, għad hemm xi lakuni, prinċipalment fir-rigward tal-inklużjoni akbar ta' temi relatati mat-tibdil fil-klima u l-enerġija, l-intersezzjonalità, il-forniment tas-servizzi, id-diżinformazzjoni, id-delitti tal-gwerra u l-appoġġ għall-vittmi. Il-programm kien rilevanti wkoll għall-benefiċjarji finali tiegħu, fejn iċ-"ċittadini" kienu l-grupp identifikat l-aktar ta' spiss fost dawk li bbenefikaw minnu.

Il-programm diġà wera l-flessibbiltà tiegħu fl-adattament għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu, kemm f'termini ta' proċessi u proċeduri b'rispons għar-restrizzjonijiet tas-saħħa pubblika tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll tematikament.

Għad hemm lok biex jiġu sfruttati aktar l-opportunitajiet li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni. L-approċċ tal-programm evolva biex jikkorrispondi għar-ritmu tad-diġitalizzazzjoni, li huwa inkluż fid-definizzjonijiet wesgħin għall-għoti ta' finanzjament. Madankollu, dawn l-aspetti ma jidhrux li għadhom iġġeneraw interess jew kapaċità ta' rispons għall-opportunitajiet ippreżentati, peress li sa issa ġew iffinanzjati biss għadd żgħir ta' għodod tal-ICT.

[50] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tat-28 ta' April 2021, l-Artikolu 2.
[51] F'termini ta' approċċi u materjali.
[52] Dawn kienu jinkludu, pereżempju, suġġetti bħall-bini tal-kapaċità u s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; il-ġlieda kontra kwalunkwe forma ta' intolleranza, razziżmu, ksenofobija u diskriminazzjoni; il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi u l-indirizzar tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru; il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni demokratika permezz tad-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa, u ta' ħafna oħrajn.

3. Konklużjonijiet u tagħlimiet meħuda

3.1. Konklużjonijiet

B'mod ġenerali, **il-programmi EfC u REC laħqu l-objettivi tagħhom filwaqt li l-programm CERV ukoll qed jagħmel progress tajjeb lejn l-objettivi tiegħu.** L-objettivi tal-programm CERV għadhom rilevanti ħafna. Abbażi tas-sejbiet ta' din l-evalwazzjoni, ma hemm l-ebda raġuni għaliex l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-linji tas-CERV ma għandhomx jiġu riportati jew għaliex għandhom jinbidlu l-objettivi, l-approċċ għall-fergħat jew ir-ridistribuzzjoni tat-temi bejn il-fergħat.

Kemm il-programm EfC kif ukoll dak REC appoġġaw proġetti li ġġeneraw riżultati b'potenzjal għal impatti fit-tul[53]. Għadd sinifikanti ta' benefiċjarji fiż-żewġ programmi kienu wkoll benefiċjarji rikorrenti ta' għotjiet ta' azzjoni taħt il-programm CERV.

Bejn l-2021 u l-2023, il-**programm CERV laħaq 3 033 OSĊ** b'attivitajiet ta' appoġġ u ta' bini tal-kapaċità fl-Istati Membri kollha. B'mod ġenerali, **il-proġetti mogħtija fl-2021-2023 huma mistennija li jinvolvu mill-inqas 44 miljun persuna. Il-proġetti qed jikkontribwixxu għar-riżultati tal-programm b'mod sostenibbli.** Filwaqt li għadu kmieni wisq f'nofs it-terminu biex isiru ġudizzji definittivi dwar is-suċċess u l-impatt tal-programm, il-grad għoli ta' kompetizzjoni, il-livell għoli ta' kontinwità tal-proġetti u l-allinjament mill-qrib bejn id-dokumenti tas-sejħiet u l-prijoritajiet tal-UE jindikaw il-fatt li l-proġetti qed jikkontribwixxu b'mod sostenibbli għall-kisba tal-objettivi tal-programm.

Il-**proporzjon għoli ħafna ta' proġetti ta' kwalità** huwa ta' benefiċċju għat-twettiq tal-objettivi ta' politika. Madankollu, **hemm diskrepanza fil-finanzjament fuq il-fergħat għall-ugwaljanza, id-drittijiet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, u din tista' tillimita l-kapaċità li jintlaħqu l-objettivi ta' dawn il-fergħat tas-CERV**.

Għalkemm il-programmi predeċessuri diġà koprew l-Istati Membri kollha, **il-bilanċ ġeografiku tjieb taħt il-programm CERV,** bi proporzjon ogħla ta' proġetti fl-Ewropa tal-Lvant. **L-NCPs u s-servizzi li jipprovdu lill-applikanti potenzjali huma aspett b'saħħtu ewlieni tal-programm**. Madankollu, id-dewmien fil-ħatra tagħhom jew saħansitra anki n-nuqqas tagħhom f'xi Stati Membri tal-UE sa issa ma wasslux għal sottorappreżentanza tal-benefiċjarji minn dawk l-Istati Membri. **Il-viżibbiltà tal-programm għadha limitata**, bil-programm ikun prinċipalment magħruf sew fost organizzazzjonijiet akbar b'networks madwar l-UE kollha.

Il-programm CERV ta kontribut qawwi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bi prattiki tajbin li jistgħu jiġu enfasizzati bħala mudell li għandu jiġi segwit għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri – u l-ugwaljanza b'mod ġenerali – permezz ta' finanzjament strateġiku u inizjattivi. Dan huwa marbut ma' kontribuzzjonijiet finanzjarji, b'wieħed minn kull erba' euro ta' finanzjament mill-għotjiet jikkontribwixxi b'mod qawwi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Madwar nofs l-għotjiet iffinanzjaw proġetti kienu marbuta mill-qrib mal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Madankollu, l-evidenza indikat il-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lill-intersezzjonalità fl-indirizzar tal-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u l-inklużjoni soċjali.

Fatturi esterni, bħall-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u kuntesti nazzjonali speċifiċi, kellhom effett limitat fuq il-programm CERV. Il-COVID-19

[53] Bħal: l-opportunità għaż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom mal-UE; żieda fil-ġbir ta' fondi u fil-kapaċità operazzjonali tal-organizzazzjonijiet parteċipanti; il-ħolqien ta' outputs u riżultati tal-proġetti sostenibbli li jistgħu jerġgħu jintużaw u jinxterdu; u l-kontribut għall-kondiviżjoni tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar suġġetti speċifiċi fl-ambitu tematiku tal-programmi.

kellha impatt fuq l-attivitajiet tal-proġetti ffinanzjati kemm mill-EfC kif ukoll mill-REC; minkejja li l-pandemija għamlitha neċessarja li jsiru aġġustamenti, ħeġġet ukoll lill-benefiċjarji jagħmlu użu aħjar mit-teknoloġiji diġitali u jikkollaboraw online.

Il-karatteristiċi l-ġodda tal-programm CERV ipproduċew titjib fl-effiċjenza għall-Kummissjoni u għall-benefiċjarji, billi tejbu l-prevedibbiltà, saħħew il-monitoraġġ, u naqqsu l-piż amministrattiv u ta' rapportar. Dawn il-karatteristiċi diġà rriflettew it-tagħlimiet meħuda mill-programmi EfC u REC dwar il-ħtieġa għas-simplifikazzjoni u introduċew bidliet li qed jiġu implimentati fil-programmi kollha tal-UE. Il-proċess ta' applikazzjoni u rapportar taħt il-programm CERV jidher favorevoli meta jitqabbel mal-programm REC iżda żied il-kumplessità għal organizzazzjonijiet iżgħar, bħall-bliet u l-muniċipalitajiet, meta mqabbel mal-programm EfC (inkluż minħabba l-introduzzjoni tas-sistema eGrants). Il-programm CERV introduċa l-finanzjament ta' somma f'daqqa biex ikompli jitnaqqas il-piż amministrattiv. L-introduzzjoni tal-kostijiet unitarji fil-livell korporattiv tal-Kummissjoni, madankollu, tidher li żiedet il-kumplessità, aggravata mill-fatt li dawn il-kostijiet unitarji ma jirriflettux il-kostijiet reali tal-attivitajiet u jimponu limitazzjonijiet mhux realistiċi fuq il-kostijiet tal-ivvjaġġar. **Il-mekkaniżmi ta' għoti mill-ġdid wasslu biex il-programm CERV ikun aktar inklużiv mill-programm REC billi ppermettew lill-programm jilħaq organizzazzjonijiet iżgħar u ta' bażi**. In-nuqqas ta' qafas ta' monitoraġġ robust għall-programm REC ġie indirizzat taħt il-programm CERV billi ġew issimplifikati l-indikaturi u ġew introdotti għodod iddedikati għall-ġbir tad-data.

Il-**benefiċċji ewlenin tal-programm CERV huma relatati direttament mal-proġett** (jiġifieri l-opportunità li jiġi implimentat approċċ mixtieq) iżda hemm **ukoll benefiċċji usa' u għas-soċjetà**. Dawn jinkludu aktar networking u kollaborazzjoni madwar l-UE, viżibbiltà u rikonoxximent imtejba tal-organizzazzjonijiet li jirċievu finanzjament mis-CERV, u l-opportunità li jiġu ttestjati approċċi innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, jiġu estiżi l-gruppi fil-mira tal-proġetti u jittejbu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet.

Il-programmi EfC, REC u CERV kollha kienu koerenti ma' politiki u prijoritajiet usa' tal-UE u komplementari fl-objettivi tagħhom ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-UE. Huwa probabbli li l-impatti identifikati permezz tal-programmi EfC u REC ma kinux jinkisbu mingħajr appoġġ speċifiku fil-livell tal-UE: il-benefiċjarji kienu jsibuha diffiċli biex jimplimentaw proġetti fuq skala simili jew bl-istess impatt.

Il-**programm CERV jokkupa spazju fix-xenarju ta' finanzjament tal-OSĊ li altrimenti kien jibqa' vojt**. Il-firxa komprensiva ta' temi tiegħu, il-kopertura pan-UE, il-fokus speċifiku fuq il-valuri tal-UE, l-għotjiet ta' daqs sinifikanti, l-għotjiet operattivi u l-mekkaniżmi tal-għoti mill-ġdid, kollha jagħmlu l-programm sors essenzjali ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet li jippromwovu l-valuri u d-drittijiet tal-UE. Wieħed mill-vantaġġi ewlenin tal-programm CERV huwa l-kapaċità tiegħu li jipprovdi sorsi indipendenti ta' finanzjament, li jippermetti lill-organizzazzjonijiet iżommu l-awtonomija tagħhom u jsegwu l-għanijiet tagħhom mingħajr influwenza żejda. Madankollu, peress li d-diskrepanza fil-finanzjament għadha sinifikanti, il-benefiċjarji jużaw ukoll sorsi oħra ta' finanzjament jekk ikun hemm intersezzjonalità mas-suġġetti tal-programm CERV u jekk is-sinerġiji jkunu possibbli.

It-tliet programmi kollha qdew rwoli fix-xenarju ta' finanzjament li l-Istati Membri b'mod ġenerali ma kienx ikollhom il-kapaċità li jaqdu.

Il-finanzjament tal-programmi EfC u REC kien kruċjali għal attivitajiet li jeħtieġu kooperazzjoni transfruntiera u perspettiva Ewropea usa', peress li l-ebda skema nazzjonali jew reġjonali simili ma setgħet taqbel mal-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-programmi. Il-programm EfC iffinanzja attivitajiet li involvew ċittadini u organizzazzjonijiet minn diversi

pajjiżi parteċipanti, u b'hekk rawwem sens ta' identità u appartenenza Ewropea. Il-programm REC iġġenera riżultati transnazzjonali, b'mod partikolari ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-fehim tad-drittijiet u l-politiki koperti mill-programm, il-ħolqien jew it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u s-sħubijiet transfruntiera, u l-ħolqien tal-aħjar prattiki u għodod li ntużaw fi Stati Membri differenti.

Il-programm CERV, bħall-predeċessuri tiegħu, jipprovdi valur miżjud ċar. Għal ħafna OSĊ, huwa l-uniku sors possibbli ta' finanzjament tagħhom f'dan il-qasam. **L-effetti li ma jkun hemm l-ebda programm CERV kienu jkunu negattivi u x'aktarx ikollhom impatt fuq l-ispazju ċiviku li diġà qed jiċkien fl-UE.** Ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-djalogu demokratiku, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità kienu jiġu affettwati wkoll. Il-vjolenza kontra t-tfal, l-estremiżmu u r-radikaliżmu x'aktarx li kieku jiżdiedu. Is-sens li wieħed huwa ċittadin Ewropew jiddgħajjef. Dawn il-konklużjonijiet huma sostnuti mill-evidenza miġbura għal din l-evalwazzjoni[54].

Hemm ħtieġa ċara li l-programm CERV ikompli minħabba li l-isfidi li dawn il-programmi ġew stabbiliti biex jindirizzaw għadhom jippersistu u, f'xi każijiet, marru għall-agħar eż. il-polarizzazzjoni dejjem akbar tas-soċjetà, iż-żieda fil-populiżmu u l-estremiżmu, u t-theddida għall-valuri tal-UE. Ħafna minn dawn il-lakuni komplew jiġu amplifikati minn sfidi bħall-pandemija tal-COVID-19 u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li segwa. Il-ħtiġijiet li l-programmi EfC, REC u CERV ġew stabbiliti biex jindirizzaw **għalhekk għadhom preżenti ħafna** u jidher li x'aktarx **jippersistu** matul il-bqija ta' dan il-qafas finanzjarju pluriennali.

3.2. Tagħlimiet meħuda

Abbażi tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni *interim*, xi oqsma għal titjib jew segwitu jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-implimentazzjoni attwali tal-programm CERV.

Il-programm wera prestazzjoni eċċellenti matul il-perjodu 2021-2023, bil-biċċa l-kbira tar-riżultati jaqbżu b'mod sinifikanti l-istadji importanti u l-miri. Jista' jkun meħtieġ li l-miri stabbiliti fil-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-programm jiġu vvalutati mill-ġdid u riveduti biex jirriflettu aħjar il-kapaċità u l-impatt reali tal-programm.

Il-mekkaniżmi tal-għoti mill-ġdid urew l-effettività tagħhom fl-indirizzar tal-ħtiġijiet kritiċi fis-settur tas-soċjetà ċivili u għall-gruppi fil-mira tal-programm. Minbarra l-kontinwazzjoni ta' din l-iskema, jista' jkun utli li titqies l-espansjoni potenzjali tagħha u l-espansjoni biex tkompli tappoġġa s-settur u tiġġenera impatt saħansitra akbar.

Il-programm CERV diġà laħaq għadd kbir ta' nies. Madankollu, huwa primarjament magħruf sew fost organizzazzjonijiet akbar b'networks madwar l-UE, li jissuġġerixxi li l-ilħuq u r-rikonoxximent tiegħu jistgħu jittejbu fost udjenza usa'.

Il-kontribut sinifikanti tal-programm għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa kisba notevoli. Dan is-suċċess jista' jiġi enfasizzat bħala l-aħjar prattika u jintwera bħala mudell li għandhom isegwu programmi oħra, li juri modi effettivi għall-promozzjoni u l-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri – u l-ugwaljanza b'mod ġenerali – permezz ta' finanzjament u inizjattivi strateġiċi.

Fl-aħħar nett, għad hemm lok biex jiġu sfruttati aktar l-opportunitajiet li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni fil-livell tal-attività. Minkejja l-possibbiltà pprovduta mill-programmi ta' ħidma, dawn l-elementi ma jidhrux li għadhom iġġeneraw interess jew kapaċità ta' rispons

[54] Prinċipalment miksuba permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-esperti, u riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni dwar ix-xejriet rilevanti madwar l-Istati Membri tal-UE.

għall-opportunitajiet ippreżentati, b'għadd żgħir biss ta' għodod tal-ICT iffinanzjati sa issa meta mqabbla ma' tipi oħra ta' attivitajiet.